MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-3 ta' April, 2009

Talba Numru. 92/2009

**Aquatess Marketing Limited**
**(C-33435)**

**Vs**

**Jean Paul Zammit**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta` Frar, 2009, fejn intalab sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u hamsa u sittin Euro (€165) jew somma verjuri rapprezentanti valur ta` merkanzija mibjugha u konsenjata lill-konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra ufficcjali datata 19 ta` Mejju, 2008 u ta` l-ittra legali datata 21 ta` Novembru, 2008 oltre Euro23.30c ta` konsult u bl-imghaxijiet legali mid-19 ta` Mejju, 2008 sa l-hlas effettiv kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra illi ghalkemm il-konvenut kien gie debitament notifikat, b'dawn il-proceduri, huwa baqa` ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Ra wkoll illi ghalkemm debitament imsejjah biex jidher ghas-seduta ta` l-20 ta` Marzu, 2009 huwa naqas li jaghmel dan.

Ra li wkoll li l-konvenut baqa` ma wegibx u lanqas ma deher ghal mistoqsijiet impoggija lilu in subizzjoni la fis-seduta ta` l-20 ta` Marzu, 2009 meta gie prezentat il-Kapitolu relattiv u lanqas ghas-seduta ta` llum u ghalhekk dawn ghandhom jigu kkunsidrati bhala debitament mistqarra mill-istess konvenut.

It-Tribunal ghalhekk qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` t-talbiet attrici u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-istess socjeta` attrici s-somma mitluba ta` Euro165, bl-imghax legali dekorribbli mid-19 ta` Mejju, 2008 u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza kif mitluba a karigu ta` l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------